## NOMINA TAN-NUTAR IAN SPITERI GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦAR-RUMANIJA

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. **X'taħseb li huma l-isfidi li għandha r-Rumanija? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f'dan il-pajjiż? X'inhuma l-binarji, b'mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f'każ li tinħatar Ambaxxatur?**

**<u>Risposta għall-ewwel żewġ partijiet tal-mistoqsija</u>:**

Ir-Rumanija għamlet progress kbir minn żmien ir-Rivoluzzjoni tas-sena 1989 lil hawn, u dan kemm billi nisslet prinċipji demokratriċi, kemm billi tat liberatijiet ċivili u kif ukoll bit-tisħiħ tad-drittijiet fundamentali. Tant huwa minnu illi fl-1 ta' Jannar 2007, l-Unjoni Ewropeja laqgħet lir-Rumanija bħala membru sħiħ fi ħdanha, u biex dan seta' jseħħ, fis-seba' snin preċedenti hija kellha twettaq diversi riformi ta' natura politika, ekonomika u soċjali, fost l-oħrajn. Tali riformi kienu jinkludu it-tisħiħ u konsolidazzjoni ta' sistemi demokratriċi, l-implimentazzjoni tar-*Rule of Law,* garanzija għall-ħarsien tad-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt tal-libertà tal-espressjoni, u kif ukoll sistema effettiva ta' *free market economy.* Ta' min jinnota illi fid-29 ta' Marzu 2004, ir-Rumanija ssieħbet fin-NATO u kienet ko-parteċipi mal-allejati f'diversi operazzjonijiet militari.

Minkejja dan il-progress sinifikanti, fejn naraw tranżizzjoni minn pajjiż preċedentement imkisser minn reġim dittatorjali għal wieħed ibbażat fuq prinċipji u sistemi demokratiċi, ir-Rumanija għadha tissielet minħabba l-instabbilità politika, bin-nuqqas ta' indipendenza ġudizzjarja, bil-livell għoli ta' korruzzjoni, bl-istaġnar ekonomiku u inflazzjoni għolja, u minn żmien il-pandemija tal-COVID-19 lil hawn, bl-ammont kbir ta' moviment soċjali barra mill-pajjiż għall-pajjiżi oħra Ewropej inkluż lejn l-Amerika, bi speranza minima li dawn jerġgħu jirritornaw, u fost dawn li qed jemigraw, hemm numru ta' professjonisti u negozjanti validi ħafna għal pajjiżhom.

Għalhekk, filwaqt illi naraw progress kbir illi sar bis-sħubija tagħha fl-Unjoni Ewropeja, l-infrastruttura dgħajfa tagħha qed timpatta b'mod negattiv in-negozji, il-produttività, u fuq kollox in-nuqqas ta' investiment minn pajjiżi oħra. Il-fatt li r-Rumanija mhix parti miż-żona tal-ewro u l-fatt illi l-lingwa Ingliża mhix mitkellma daqstant, huma żewġ punti kruċjali li rażżnu l-potenzjal li jattiraw investiment ġdid. In oltrè, l-inflazzjoni, il-pagi baxxi, u l-gwerra tal-Ukrajna, xejn ma għenu biex is-sitwazzjoni ekonomika ġewwa r-Rumanija tissaħħaħ. Minn statistika miġbura fis-sena 2022, irriżulta l-maggior parti tar-Rumeni jħossu li l-akbar sfidi jirrigwardaw l-oqsma tal-infrastruttura (speċjalment dawk tat-toroq), tas-saħħa, tal-edukazzjoni, u kif ukoll in-nuqqas ta' *greener economy*. Madankollu, ir-Rumanija qiegħda tagħmel sforzi kbar biex ittejjeb is-sitwazzjoni preżenti tagħha, tant hu hekk li fl-'Economy Policy Reforms' tas-sena 2021, hija applikat ir-rakkomandazzjonijiet tal-aqwa ħames prijoritajiet tar-riforma, u cioè:



I.S.

i. ***Social protection:*** *Providing adequate support to those out-of-work can reduce poverty risks;*

ii. ***Education and skills:*** *Adapting skills to the fast changing environment can foster competitiveness and increase job quality;*

iii. ***Healthcare:*** *Improving health outcomes is a prerequisite to strong, resilient and inclusive growth;*

iv. ***Environmental policy:*** *Reducing air pollution can improve health and economic performance;*

v. ***Competition and regulation:*** *Addressing barriers to competition and inefficiencies in the insolvency regime can spur business dynamism and productivity.*

**2. Bħala Ambaxxatur mhux residenti, kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali bejn ir-Rumanija u Malta rispettivament? Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?**

**3. X'taħseb li huma n-niċeċ ekonomiċi u kummerċjali li nistgħu nsibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u r-Rumanija? Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?**

**5. Kif tara li Malta u r-Rumanija jistgħu jikkollaboraw, possibilment anke fis-setturi tat-turiżmu, tal-industrija u tas-servizzi? Tara li hemm lok fejn b'xogħlok bħala Ambaxxatur tkun tista' tħeġġeġ kollaborazzjoni f'dan is-settur?**

**Risposta kemm għall-aħħar parti tal-ewwel mistoqsija, u kif ukoll għat-tieni, għat-tielet u għall-ħames mistoqsija:**

Jekk ningħata l-privileġġ miż-żewġ naħat tal-Kamra illi niġi maħtur ambaxxatur ta' pajjiżi, irwol illi bla dubju ta' xejn fih preġju u unur kbir, ninsab konxju illi ir-responsabilitajiet u l-isfidi sejrin ikunu kbar ħafna, speċjalment għax hemm differenzi kbar bejn iż-żewġ pajjiżi, differenzi mhux biss ġeografiċi imma anke saħansitra kulturali, soċjali, politiċi u ekonomiċi. Minkejja dan, nemmen bi sħiħ, li kull sfida fiha s-sabiħ u s-sodisfazzjon tagħha, u dan tgħallimtu speċjalment fis-sitt snin illi domt sindku ta' Ħal Balzan, fejn bħala sindku irrealizzajt illi b'rieda tajba, determinazzjoni, integrità u prinċipji sodi, kull sfida tista' tingħeleb f'opportunita' u tħalli riżultati pożittivi għall-ġid komuni.

Nixtieq nagħti introduzzjoni qasira dwar ir-rabtiet li kellha Malta mar-Rumanija fi snin preċedenti, għax din tagħti stampa ċara tal-iżvilupp diplomatiku bejn iż-żewġ pajjiżi. L-ewwel relazzjonijiet diplomatiċi bejn iż-żewġ pajjiżi u li minn hemm wittew it-triq għal aktar ko-operazzjoni futura, bdew preċiżament fis-7 ta' Ġunju 1968, u b'koinċidenza u fl-istess ħin b'unur ngħid illi kien in-nannu tiegħi stess in-Nutar Ġużi Spiteri, dak iż-żmien Ministru tal-Agrikoltura, Sajd, Kummerċ u Industrija, li effettivament laqa' l-ewwel delegazzjoni Rumena ġewwa pajjiżna.



I.S.

F'din l-istedina, id-delegazzjoni Rumena kellha l-opportunità li tiltaqa' mal-Kamra tal-Kummerċ, u wriet interess kbir li tinvesti ġewwa pajjiżna fosthom bil-bini ta' fabbriki. Ir-rabtiet bejn iż-żewġ pajjiżi issaħħew fis-sebgħinijiet u tmenijiet, u l-President Agatha Barbara kienet strumentali għal dan, tant hu hekk, li ż-żewġ pajjiżi adottaw politika komuni f'ħafna oqsma fosthom, fid-diżarmament, paċi, industrija, turiżmu u ko-operazzjoni ekonomika.

Fis-sena 1971, delegazzjoni oħra Rumena ġiet Malta biex tiddiskuti proġetti relatati fost l-oħrajn, mal-agrikoltura u t-turiżmu, u f'Novembru tal-istess sena l-Prim Ministru Dom Mintoff għamel l-ewwel żjara tiegħu fir-Rumanija. Minn dak iż-żmien 'l hawn, f'dal-aħħar erbgħin sena, ir-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi, għalkemm mhux dejjem kienu viċini u produttivi, bla dubju ta' xejn kienu pożittivi u bbażati fuq rieda tajba bejn iż-żewġ naħat, tant li ġew konklużi u ffirmati numru ta' ftehim, protokol, u dikjarazzjonijiet bilaterali bejn Malta u r-Rumanija. Laqgħa importanti ħafna ġewwa r-Rumanija seħħet f'Settembru tas-sena 2013, fejn fiha attendew fost l-oħrajn, l-Onor Speaker Anġlu Farrugia, l-Onor Carmelo Abela u l-Onor David Agius, u fejn fost il-materji li ġew diskussi kien hemm l-industrija, it-turiżmu, l-edukazzjoni u r-rabtiet politiċi bilaterali li dwarhom sejjer naċċena fil-qosor aktar 'il quddiem.

Hemm min forsi jistaqsi u ġustament, kif jista' nutar jikkontribwixxi, isaħħaħ u jtejjeb ir-rabtiet politiċi, soċjali u kummerċjali bejn żewġ pajjiżi, f'setturi bħat-turiżmu, industrija, servizzi, u edukazzjoni. Fit-tnejn u għoxrin sena illi ili naħdem ta' nutar, u kif ukoll fl-esperjenza tiegħi ta' sindku, kelli l-opportunità u vantaġġ kbir li niltaqa' fost l-oħrajn ma' diversi imprendituri, negozjanti, kapijiet ta' dipartimenti, entitajiet governattivi u non-governattivi, ministri, segretarji parlamentari, u NGO's, u għalhekk l-*exposure* illi kelli u għad għandi ma' dal-persuni validi, sejra tkun għodda kbira ħafna fil-ħidma tiegħi; wara kollox il-politika ssir minn nies għan-nies.

Jekk in-nomina tiegħi tiġi approvata, għandi pjanijiet sabiex fit-tliet snin li ġejjin, niltaqa' ma' diversi entitajiet lokali fosthom il-Kamra tal-Kummerċ, l-MHRA, il-Malta Enterprise, INDIS, u l-Università ta' Malta, sabiex nesploraw kif Malta tista' tattira investiment Rumen ġewwa pajjiżna u kif ukoll kif l-imprenditur Malti jista' jinvesti aktar ġewwa r-Rumanija. Nemmen bi sħiħ li nistgħu insaħħu l-investiment reċiproku mhux biss fejn jidħlu l-importazzjoni u l-esportazzjoni, imma anke turiżmu siegħa dak tradizzjonali u kif ukoll dak innovattiv. F'dak li jirrigwarda turiżmu, iż-żewġ pajjiżi tant għandhom x'joffru, tant għandhom attrazzjonijiet differenti, illi tkun ħasra li dawn ma jiġux esplorati. Nemmen ukoll li r-Rumanija għandha tara l-importanza kbira illi Malta għandha x'toffri fl-istudju tal-lingwa Ingliża. Nixtieq nesplora wkoll niċeċ ġodda ta' investiment, li filwaqt illi persważ li mhux faċli li jinstabu, nemmen li b'rieda tajba bejn iż-żewġ pajjiżi, għandu jsir progress f'dan ir-rigward. Fejn jidħlu kunsilli, nixtieq niddiskuti l-possibbiltà ta' aktar *Twinning* u opportunitajiet simili oħra.

Fir-riċerka li għamilt għat-tħejjija ta' dawn it-tweġibiet għall-mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern u dawk tal-Oppożizzjoni, sibt fost l-oħrajn illi r-Rumanija



D.Z.

għandha ħafna x'toffri lill-imprenditur Malti, speċjalment fil-qasam tal-agrikoltura u ċerejali, u fil-produzzjoni u esportazzjoni tal-inbid, u dan peress illi l-art hija rħisa. Infatti, id-delegazzjoni Maltija li żaret ir-Rumanija fis-sena 2013, kellha opportunità li żżur il-Park Industrijali li ġie żviluppat barra l-belt ta' Ploiesti li tinsab mas-sittin kilometru bogħod mill-belt kapitali ta' Bucharest. Daqstant ieħor nemmen li Malta għandha faċilitajiet tajbin ħafna x'toffri lill-imprenditur Rumen illi juri x-xewqa li jinvesti f'wieħed mill-Parki Industrijali illi għandna, speċjalment fl-oqsma tal-manifattura u farmaċewtika.

Il-fatt li fil-preżent jeżistu titjiriet diretti bejn iż-żewġ pajjiżi darbtejn fil-ġimgħa, huwa vantaġġ kbir biex tissaħħaħ ir-relazzjoni bilaterali u jiżdied it-turiżmu u kummerċ reċiproku. Sfortunatament hemm ċertu diffikultajiet li fil-preżent irridu ngħixu bihom, fosthom il-burokrazija bankarja ġewwa Malta illi qiegħda tgerrex in-negozji minħabba dewmien esaġerat fil-ftuħ u operazzjoni ta' kontijiet bankarji, filwaqt illi r-Rumanija qiegħda tbati minħabba li mhix parti miż-Żona tal-Ewro u lanqas tax-Schengen.

4. **Tara li hemm trattati li jistgħu jitħaddmu aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi? Jew trattati oħra li għandhom jiġu esplorati għaż-żmien li ġej?**

Kif diġà kelli l-opportunità li naċċena għalihom, f'dawn l-aħħar ħamsa u erbgħin sena ġew iffirmati bejn iż-żewġ pajjiżi numru (għalkemm mhux numeruż) ta' ftehim fosthom fl-oqsma tal-ajru, edukazzjoni, xjenza, kultura, ekonomija, industrija u teknoloġija. Peress illi r-Rumanija mhix parti mix-Schengen, hemm akkordju speċifiku fuq il-ħruġ ta' visas bejn iż-żewg pajjiżi. Trattat importanti ħafna huwa dak tad-'Double Taxation Relief (Taxes on Income) (Romania) Order, 1997', li saret parti mil-liġi Maltija permezz tal-Avviż Legali numru 65 tas-sena 1997, li permezz tagħha toffri ħafna vantaġġi ta' taxxi fuq investiment. Ta' min jinnota wkoll li jeżisti ftehim u hemm relazzjonijiet diplomatiċi bejn l-Ordni Sovrana ta' Malta u r-Rumanija. Però nemmen li wasal iż-żmien għal aktar trattati dettaljati u effettivi f'diversi oqsma.

6. **Tista' telabora ftit iżjed fuq il-karriera tiegħek fi ħdan il-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?**

Kif jixhed is-CV tiegħi, il-karriera tiegħi kienet dejjem fil-kamp notarili u dak politiku fil-vesti tiegħi ta' sindku għal sitt snin.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. **Tista' tispjega x'passi taħseb li għandhom jittieħdu sabiex jissodaw iktar ir-relazzjonijiet ta' pajjiżna mal-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna?**

Nirreferi għar-risposti tiegħi għad-domandi tal-Membri tal-Gvern billi dawn ir-risposti jikkontjenu d-dettalji relattivi.



J.-S.

**2. Tista' tindika, fl-opinjoni tiegħek, liema huma l-isfidi prinċipali fir-relazzjonijiet bejn Malta u l-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna?**

Filwaqt illi diġà kelli l-opportunità illi nittratta xi wħud minn dawn l-isfidi fir-risposti li tajt aktar 'il fuq, però dawk prinċipali jibqgħu:

i. Il-fatt li r-Rumanija mhix parti mix-Schengen u li għalhekk jillimita l-moviment ħieles bejn iż-żewġ pajjiżi, għalkemm jeżisti akkordju f'dar-rigward;

ii. Il-fatt li r-Rumanija mhix parti miż-żona tal-ewro u allura ċertament ikun hemm limitazzjonijiet u restrizzjonijiet speċjalment f'dak li jirrigwarda l-kambju;

iii. Il-fatt li l-lingwa Ingliża mhix imħaddna daqstant ġewwa r-Rumanija, però fl-istess ħin din tista' tkun ta' opportunità għal Malta; u

iv. Is-sitwazzjoni ekonomika preżenti fir-Rumanija.

**3. Tista' tispjega x'inhuma l-pożizzjonijiet u interessi komuni li aħna nħaddnu mal-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna?**

Nirreferi għar-risposti tiegħi għad-domandi tal-Membri tal-Gvern billi dawn ir-risposti jikkontjenu d-dettalji relattivi.

**4. Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx żjarat fil-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta' pajjiżna u jekk għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali f'dak il-pajjiż?**

Nikkonferma illi qatt ma kelli l-opportunità li nżur dal-pajjiż u ma għandi ebda rabtiet ma' u/jew investimenti kummerċjali fir-Rumanija.

**5. Tista' tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f'liema dipartiment/awtorità/entità?**

Nikkonferma illi qatt ma kont impjegat mal-Istat Malti, għalkemm kif spjegajt aktar 'il fuq, kont sindku għal sitt snin ġewwa Ħal Balzan.

**6. Tista' tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin?**

Nikkonferma illi qatt ma kont parti minn segretarjat ta' ministru jew segretarju parlamentari u li qatt ma ħdimt fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin.

**7. Tista' tindika jekk kontx involut f'xi ħidma diplomatika preċedenti fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?**



D.S.

Nikkonferma li qatt ma kont involut f'xi ħidma diplomatika preċedenti fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

**8. Tista' tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta' interess f'din il-ħatra tiegħek?**

Niddikjara illi m'għandi l-ebda kunflitt ta' interess f'din il-ħatra.

**9. Tista' tiddikjara jekk għandekx passaport ta' pajjiż ieħor?**

Nikkonferma illi l-uniku passaport illi għandi huwa dak tar-Repubblika ta' Malta.

**Nutar Ian Spiteri B.A.; N.P.**